**31 ta' Jannar, 1996**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Raymond Calleja

*versus*

L-Avukat Dottor Raymond Pace *et noe*

## Ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin - Eċċezzjoni ta' Inkompetenza

*L-eċċezzjoni li kawża ma tkunx ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta hi in effetti eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti. Bħala tali hi eċċezzjoni dilatorja per eċċellenza anke jekk il-Qorti tista' tissolleva l-materja ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni* ex officio.

*Konsegwentement bħala eċċessjoni dilatorja li tqajmet f'kawża li saret b'ċitazzjoni din kellha tingħata mill-konvenut fil-bidu tad-difiża (artikolu 728 (1)).*

*Hu ukoll stabbilit fil-ġurisprudenza li konvenut, li altrimenti jkun bil-liġi intitolat li jeċċepixxi l-inkompetenza tal-Qorti minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni, jekk jonqos li jissolleva l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza*

in limine litis *ikun meqjus li ssottometta ruħu għal tali ġurisdizzjoni jekk jikkontesta t-talba u jagħmel eċċezzjonijiet fil-meritu.*

*Il-liġi trid illi tagħti ġurisdizzjoni lill-Qrati biex jisimgħu u jiddeċidu l-kawżi kollha li jirrigwardaw liċ-ċittadini ta' Malta. Trid tagħtihom protezzjoni sħiħa, huma fejn huma, anke jekk mhumiex residenti f'Malta u anke jekk ma kinux konvenuti quddiemha sakemm il-meritu tal-kawża jkun jirrigwarda lilhom u sakemm ikunu domiċiljati f'Malta.*

Il-Qorti:-

Din hija kawża dwar il-kura u l-kustodja ta' tifla minuri Alison Calleja kontestata mill-ġenituri tagħha. Missierha Ray Calleja hu ċittadin Malti waqt li ommha, martu, Emily Ann Calleja, hi ċittadina Brittanika. Huma separati *de facto*. Il-missier jgħix Malta waqt li l-omm u t-tifla qed jgħixu preżentement ir-Renju Unit. L-omm konvenuta f'din il-kawża appellat minn din is-sentenza:

"Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur *nomine* li biha, wara li ppremetta:

Li mart l-attur domiċiljata f'Malta *ad insaputa* u kontra l-volonta' ta' l-attur qabdet u ħarbet minn Malta u ħadet magħha t-tifla minuri Alison tal-kontendenti;

U li, skond il-liġi, huwa għandu drittijiet fuq l-imsemmija bintu u, fi kwalunkwe każ, huwa fl-interess ta' l-istess li tkun ma missierha f'Malta fejn twieldet, trabbiet u marret l-iskola;

Talab li, għalhekk, il-konvenuti *nomine* jgħidu għaliex m'għandhiex l-imsemmija tifla minuri Alison tiġi fdata fil-kura u l-kustodja ta' l-attur u li, għall-fini tal-konsenja, jiġi stabbilit żmien

qasir u perentorju taħt il-komminazzjoni tal-liġi;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li jibqgħu inġunti għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u n-nota tax-xhieda ta' l-attur;

Rat il-proċedura li ntemmet bid-digriet tal-25 ta' Novembru, 1994 li permezz tiegħu ġew nominati l-Avukat Dottor Raymond Pace u l-Prokuratur Legali Lucy Bonello bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaaw lill-assenti konvenuta Emily Anne Calleja u *n-nota ta' l-eċċezzjonijiet* tagħhom li biha eċċepew, fl-ewwel lok, li huma ma kinux edotti mill-fatti tal-każ u, għalhekk, irriservaw li jressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom fi stadju ulterjuri hekk kif jikkomunikaw mal-konvenuta u, fit-tieni lok, li huwa fl-interess tal-minuri li l-kura u l-kustodja tagħha tiġi fdata lill-ommha assenti u dan bla preġudizzju għal kwalunkwe eċċezzjoni oħra li tista' tingħata anke dwar il-kompetenza ta' din il-Qorti; kif ukoll id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tagħhom li jakkompanjawha;

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta' Jannar, 1995 li bih laqgħet it-talbiet ta' l-Avukat Dottor Joseph Brincat, kontenuti fir-rikors tiegħu ta' l-istess data (fol. 22), u , konsegwentement, ordnat li l-imsemmijin kuraturi deputati jiġu estromessi mill-kawża u li l-atti ta' l-istess kawża jgħaddu fil-persuna ta' l-Avukat Dottor Joseph Brincat bħala mandatarju ta' l-assenti konvenuta;

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta' Jannar, 1995, mogħti fl-udjenza ta' dakinhar, li bih awtorizzat lid-difensur ta' l-attur sabiex jippreżenta l-provi tiegħu bil-proċedura ta' l-affidavit u ddifferiet

il-kawża għall-provi kollha ta' l-attur u b'din il-proċedura għall-25 ta' Jannar, 1995;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-Avukat Dottor Joseph Brincat li biha (fol. 28) eċċepixxa n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin fil-kwistjoni peress li ma tirrikorri l-ebda waħda mill-ipotesijiet ta' l-artikolu 742 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u n-nota tax-xhieda ta' l-imsemmi Avukat Dottor Joseph Brincat *nomine*;

*Omissis*;

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet responsiva ta' l-attur (fol. 123);

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Eżaminat l-affidavit esebit u d-deposizzjoni ta' l-attur mogħtija in kontro-eżami;

Semgħet lill-Avukati;

Ikkunsidrat:

Li l-konvenut *nomine* qiegħed jeċċepixxi l-inkompetenza ġurisdizzjonali ta' din il-Qorti billi jsostni li l-kwistjoni odjerna ma tinkwadrax ruħha fl-ebda waħda mill-ipotesijiet li jinsabu kkontemplati fl-artikolu 742 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jindikaw il-ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' dawn il-Gżejjer;

L-attur, invece, jsostni l-kuntrarju u jiċċita l-artikolu 742 (1) (b) u (ġ) ta' l-istess Kodiċi in sostenn tal-kompetenza ġurisdizzjonali ta' din il-Qorti;

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu, l-konvenut *nomine* saħaq li din il-Qorti m'għandhiex tiddeċidi l-eċċezzjoni minnu ssollevata tan-nuqqas ta' kompetenza ġurisdizzjonali flimkien mal-meritu, iżda għandha tiddeċidiha separatament biex b'hekk, f'każ li l-Qorti tiddikjara l-kompetenza tagħha li tisma' u tiddeċidi l-kawża, l-opportunita' tad-*doppio esami* tibqa' mpreġudikata għall-konvenuta;

Din il-pretensjoni, pero', mhix sostenibbli. Ma teżisti ebda direttiva proċedurali f'dan is-sens, fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Bħala regola, l-liġi tħalli l-konduzzjoni xierqa tat-trattazzjoni tal-kawża, f'idejn il-prudenza u s-saġġezza tal-ġudikant li jkun qiegħed jippresjedi l-Qorti. Hemm, imbagħad, direttivi speċjali li jivvinkolaw lill-istess ġudikant. Hekk, per eżempju, in materja ta' inkompetenza, l-liġi fl-artikolu 730 tal-Kap. 12 tispeċifika illi:

"L-eċċezzjoni ta' inkompetenza jew ta' ... preskrizzjoni jew nullita' ta' atti, għandhom jiġu deċiżi b'kapi għalihom, __qabel__ jew __flimkien__ mas-sentenza fuq il-meritu";

Kif kellha okkażjoni tesprimi ruħha l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Ottubru, 1992 fil-kawża **Anthony Mifsud *vs* Suprintendent Carmelo Bonello *et*,** fir-rigward tad-dettam tal-preċitat artikolu tal-liġi proċedurali "... huwa manifest illi f'dan il-każ ... hija l-liġi stess li timponi lill-ġudikant deċiżjoni ta' l-eċċezzjoni imma tikkonċedilu żewġ

alternattivi rigward iż-żmien meta dik id-deċiżjoni tista' tingħata";

Din il-Qorti deherilha li l-każ odjern jitlob li tagħmel l-għażla li tiddeċidi l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tagħha minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni (artikolu 741, Kap. 12) flimkien mal-meritu u mhux separatament. Dan, apparti li huwa in konformita` mal-liġi, ma jnaqqas xejn mid-drittijiet tal-konvenuta u, fuq kollox, huwa rakkomandabbli għaliex b'hekk il-kawża ma tibqax tkarkar għal żmien aktar milli huwa strettament neċessarju;

Għalhekk, il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkonsidra l-preġudizzjali tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tagħha li tisma' u tiddeċidi l-kawża;

Il-konvenut *nomine* jissottometti, fl-imsemmija nota tiegħu, li l-attur stess aċċetta l-ġurisdizzjoni tal-Qorti Skoċċiża li akkordat il-kustodja *interim* tal-minuri Alison lill-konvenuta. Fil-verita`, l-attur m'għamel l-ebda proċedura fil-Qorti Skoċċiża; kuntrarjament għal dak li jintqal fl-istess nota, kienet il-konvenuta li adixxiet lil dik il-Qorti u l-attur kien notifikat b'din il-proċedura malli wasal Londra u meta kien għadu lanqas jaf bil-ħsieb ta' martu li tibqa' żżomm lill-minuri magħha fl-Iskozja wara li kienet telgħet hemm fuq btala mal-familja tagħha, kif is-soltu tagħmel kull sena. Kull ma għamel l-attur kien li huwa wieġeb permezz ta' l-Avukat tiegħu, li qabbad f'dak il-pajjiż, biex jikkumbatti t-talba ta' martu u biex jottjeni aċċess għat-tifla, kif effettivament ġie kunċess lilu bl-ordni ta' *interim access*;

Jirriżulta mir-risposta li l-attur intavola quddiem il-*Court of Session* t'hemmhekk (fol. 64 u 68) li *in limine* huwa ssolleva n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dik l-istess Qorti u ċċita in sostenn ta'

dan il-*Family Law Act 1986, Section 12* u ssottometta li kien xieraq li l-kwistjoni tal-kura u kustodja tal-minuri tkun deċiża *fil-proċeduri* li huwa kien bi ħsiebu jintavola Malta biex l-istess minuri tkun fdata lilu;

Bejn wieħed u ieħor, l-istess ħaġa għamlet il-konvenuta f'din il-proċedura. Infatti, l-kuraturi deputati eċċepew, fil-meritu, li kien fl-interess tal-minuri stess li l-kura u l-kustodja tagħha tiġi fdata lill-ommha, l-assenti konvenuta; filwaqt li żammew impreġudikata l-eċċezzjoni ta' l-inkompentenza ta' din il-Qorti;

Għalhekk, mhux il-każ li jista' jingħad, kif qed jiġi sottomess, li l-attur ġie li, bl-aġir tiegħu, aċċetta l-ġurisdizzjoni ta' *Qorti* barranija biex tisma' u tiddeċidi din il-kwistjoni tal-kustodja ta' bintu ad esklużjoni tal-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti;

Din il-Qorti jidhrilha li l-każ li proprju jittalja għal dak in eżami huwa dak li ġie kkunsidrat minn din il-Qorti fis-sentenza **John Alamango *vs* Av. Dr. Antoine Rutter Giappone *et noe*** deċiża fl-14 ta' Diċembru, 1982;

Fil-każ ta' dakinhar, ir-riżultanzi kienu kważi identiċi għal dawk tal-kawża odjerna. Il-konvenuta assenti kienet ħadet iż-żewġ uliedha minuri l-Iskozja biex tqatta' vaganza mal-familja tagħha. Ġara li din iddeċidiet li tibqa' hemm u lanqas riedet li ż-żewġ uliedha jirritornaw Malta ma' missierhom, l-attur. L-attur sar jaf b'dan meta rċeva ittra mil-legali tagħha fl-Iskozja li biha għarrfu li kellha tibda proċeduri kontra tiegħu u ra kif għamel u tela' hemm biex jiddiskuti ma' martu l-problemi komuni ta' bejniethom bit-tama li dawn jiġu riżolti. Dan ma sewa għal xejn għaliex martu adixxiet il-*Court of Session, Scotland* għall-***Custody and Interdict*** tat-tfal minuri u,

fil-fatt, din il-Qorti ddeċidiet li dawn ikunu fdati fil-kustodja *interim* ta' ommhom. Wara din l-ordni tal-Qorti barranija, l-attur Alamango intavola l-kawża imsemmija kontra martu assenti u talab lill-Qorti biex (1) tafda l-kustodja tat-tfal minuri f'idejh; (2) tikkundanna lill-konvenuta tirritorna lill-ulied komuni minuri lilu u (3) fin-nuqqas, li huwa jiġi awtorizzat jieħu lura taħt il-kustodja tiegħu lill-istess ulied minuri. Waqt il-kawża, l-attur irtira it-tieni (2) u t-tielet (3) domanda u għalhekk, baqgħet għad-deċiżjoni l-kwistjoni tal-kustodja tat-tfal minuri;

Il-konvenuta kienet rappreżentata fil-ġudizzju minn kuraturi deputati u dawn eċċepew li l-Qorti ma kellhiex ġurisdizzjoni tieħu konjizzjoni tal-kawża u li, fi kwalunkwe każ, il-Qorti m'għandhiex tkompli tieħu konjizzjoni tal-każ stante illi l-kustodja tat-tfal tifforma meritu ta' kawża oħra quddiem Qorti ta' l-Iskozja li bdiet qabel il-kawża odjerna u li fuqha ġa' ppronunzjat ruħha din il-Qorti estera b'ordni li tipprekludi li t-tfal joħorġu barra minn dak il-pajjiż u, għalhekk, sentenza ta' din il-Qorti ma jistax ikollha effett;

Din il-Qorti, fl-imsemmija sentenza, ddisponiet mill-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni, a tenur ta' l-artikolu 742 preċitat, b'dan il-mod;

"Dak l-artikolu jagħti ġurisdizzjoni *inter alia* li din il-Qorti tisma' u tiddeċidi l-kawżi kollha li jirrigwardaw kull persuna sakemm għandha d-domiċilju tagħha f'dawn il-Gżejjer. Mhux il-każ li l-Qorti tintilef f'diskussjonijiet merament akkademiċi ta' l-għażla bejn residenza, residenza ordinarja, residenza abitwali u domiċilju, għax magħrufa biżżejjed. Issa l-provi rakkolti fil-proċess juru ċar li l-attur huwa ċittadin Malti, residenti abitwalment u domiċiljat f'Malta; li l-konvenuta marret l-Iskozja għand niesha

mat-tfal bil-beneplaċitu ta' żewġha u bl-ebda ħsieb li ma tirritornax u tibqa' f'dak il-pajjiż; miżżewġa Malti domiċiljat Malta, meta marret għall-vaganza kienet domiċiljata Malta u ukoll jekk il-vaganza tagħha ħaditha fil-pajjiż ta' l-oriġini tagħha mhux suppost illi reġa' stabbilixxa ruħu immedjatament malli rifset l-Iskozja kif jgħallmuna l-Awtoritajiet Brittaniċi kollha tal-*Conflict of Laws* jew Dritt *Internazzjonali Privat; bil-konsegwenza li din il-Qorti għandha* ġurisdizzjoni fuq il-partijiet bħala persuni li għandhom id-domiċilju tagħhom f'dawn il-Gżejjer; u li l-konvenuta ma għandha ebda *locus standi* fl-ebda forum ieħor li jiddependi mid-domiċilju tagħha f'dak il-pajjiż, sakemm ma javverawx ruħhom iċ-ċirkostanzi kollha neċessarji biex jerġgħu jqajmu f'persuna li tkun abbandunat id-domiċilju ta' l-oriġini tagħha, dak id-domiċilju - ħaġa li l-anqas biss ma ġiet ipprospettata fl-eċċezzjonijiet tal-konvenuta jew domiċilju ta' l-għażla ieħor skond il-każ. Imbagħad inkwantu din il-kawża tolqot liż-żewġ itfal Ernest Nazzareno u Sean-Patrick ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju dwar iċ-ċittadinanza, r-residenza abitwali *u d-domiċilju tagħhom kollha Maltija*";

Fir-rigward ta' l-eċċezzjonijiet l-oħra, fuq riportati, l-Qorti rrespingiethom kif ser jingħad:

"... li veru li din iċ-ċitazzjoni kienet intavolata biss fit-23 ta' Awissu, 1982, filwaqt li d-deċiżjoni tal-*Court of Session, Scotland* kienet ittieħdet fl-20 ta' Lulju, 1982, ft't wara li l-konvenuta kienet marret għall-vaganza għand niesha u ftit qabel li kellha tirritorna Malta; iżda t-talba kif ridotta ma jidhirx li għandha tikkozza ma deċiżjoni ta' Qorti estera li mhix deċiżjoni finali, iżda sempliċement deċiżjoni *interim* u hija *merament deklaratorja ta' sitwazzjoni li l-*effett tagħha huwa wieħed li jista' jolqot il-buon sens u bl-ebda mod ma jwassal għal xi miżuri li jmorru 'l hemm mill-buon sens u

d-dettami ta' l-umanita' universali. Terġa' l-kawżi m'għandhomx isiru bl-ebda spirtu ta' tellieqa iżda la din il-kawża mmaturat ruħha għas-sentenza qabel oħra ġo forum esteru, l-Qorti m'għandhiex tiċħad għal xejn b'xejn id-dikjarazzjonijiet opportuni minnha mitluba skond il-liġi";

*Fil-każ in eżami, jirriżulta li l-konvenuta, fil-21 ta' Lulju, 1994* bħalma s-soltu tagħmel kull sena, marret, flimkien mat-tifla minuri Alison, l-Iskozja biex tqatta' vaganza ta' xahar ma' ommha u ħutha hemmhekk u l-pjan kien li mbagħad jitla' l-attur ukoll u jgħaddu ġimgħa vaganza flimkien; li meta l-attur wasal Heathrow Airport, fit-8 ta' Awwissu, 1994, huwa kien notifikat bil-proċeduri li martu intavolat fil-*Court of Session, Scotland* u bl-ordni ta' l-istess Qorti ta' l-4 ta' Awwissu, 1994 (fol. 59) li biha akkordat lill-martu l-*interim custody* tat-tifla minuri Alison u ħarġet *interim interdict* kontra tiegħu biex la jneħħi u lanqas jipprova jneħħi lill-istess minuri mill-kura u kontroll ta' martu *or furth, of Scotland*; li l-attur kien akkordat *interim access* *għall-istess tifla mill-imsemmija Qorti; li* l-attur u l-konvenuta iżżewġu fit-28 ta' Ġunju, 1983 fl-Iskozja u kienu ddeċidew li jiġu jgħixu hawn Malta, kif, fil-fatt, għamlu xi tliet ġimgħat wara; li t-tifla minuri twieldet fis-26 ta' Lulju, 1989 fl-Iskozja għaliex il-konvenuta ma rieditx li twelled hawn Malta għax ma kellhiex fiduċja fit-tobba Maltin u għalhekk, kienu telgħu l-Iskozja biex it-twelid isir hemm u reġgħu ġew lura Malta xi ġimgħat wara; li t-tifla minuri Alison minbarra li għandha ċ-ċittadinanza Britannika għandha ukoll dik Maltija u tinsab imniżżla fuq il-passaport ta' l-attur; li l-konvenuta tant riedet li hi u żewġha u l-istess binthom jistabbilixxu ruħhom hawn Malta li, wara li żewġha kien xtara *flat sabiħ fl-inħawi Gżira/Msida, hija nsistiet* miegħu li jixtri dar f'San Ġwann bil-*basement* u garage u, fil-fatt, dan ikkuntentaha; li l-konvenuta marret l-Iskozja għall-vaganza

mingħajr ma esprimiet ma' xi ħadd il-ħsieb li ma kinitx sejra tirritorna hawn Malta;

Għalhekk, anki fil-każ *de quo* jidher ċar li l-Qorti għandha ġurisdizzjoni li tisma' u tiddeċidi l-kawża a bażi ta' l-artikolu 742 (1) (b) preċitat billi l-persuni kollha involuti huma domiċiljati hawn Malta. L-attur u martu huma domiċiljati hawn Mata u t-tifla minuri hija ukoll domiċiljata hawn Malta għaliex hija dipendenti fuq missierha;

*Il-konvenut nomine* qiegħed isostni *li l-hekk imsejħa Family Law* li daħlet in vigore fl-1 ta' Diċembru, 1993 tat id-dritt lill-mara miżżewġa li ma tkunx marbuta bid-domiċilju tar-raġel, għaliex l-għażla tad-dar matrimonjali trid tiġi stabbilita miż-żewġ konjuġi u li jekk ma jiftehmux iridu jirrikorru lejn il-Qorti, pero`, d-dar matrimonjali hija ħaġa u d-domiċilju huwa ħaġ'oħra. Fil-każ *de quo* iżda anke d-domiċilju ġie bil-kunsens taż-żewġ konjuġi stabbilit li għandu jkun hawn Malta u huwa fatt li meta l-konvenuta marret għall-vaganza fl-Iskozja hija baqgħet bl-istess domiċilju Malti. Ancorche' l-posizzjoni illum hija li mara tista' takkwista jew tbiddel id-domiċilju tagħha indipendentment minn żewġha, fil-każ tal-konvenuta ma saret *l-ebda prova li din akkwistat domiċilju differenti* minn dak ta' l-attur u huwa risaput li, f'materja ta' bdil ta' domiċilju, mhux faċli li wieħed jabbanduna domiċilju magħżul (*domicile of choice*) biex jakkwista ieħor u, fi kwalunkwe każ, ikun hemm bżonn li min jallega bdil ta' domiċilju jressaq il-provi li juru konkludentement li huwa akkwista domiċilju ġdid. Il-konvenuta, pero`, ma għamlet xejn minn dan u, għalhekk, għandu jipprevali d-domiċilju Malti;

Għal dawn ir-raġunijiet u anke fuq l-iskorta tas-sentenza fuq

iċċitata, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza ta' din il-Qorti minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni u tiddikjara li għandha ġurisdizzjoni li tisma' u tiddeċidi l-kawża;

Ikkunsidrat dwar il-meritu:

*Omissis*;

Għal dawn il-motivi:

Taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talbiet attriċi u hekk tiddikjara li qiegħda tafda lit-tifla minuri Alison Calleja fil-kura u kustodja ta' l-attur u tipprefiġġi lill-konvenut *nomine* t-terminu ta' ħmistax-il ġurnata biex jassigura li din tgħaddi fil-kura u kustodja ta' l-istess attur;

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut *nomine*";

Il-Qorti dehirha opportun li tirriproduċi l-konsiderazzjonijiet fis-sentenza appellata għax tqis li dawn huma sostanzjalment korretti u ben fondanti fil-liġi u fil-ġurisprudenza. Is-sentenza ukoll tirrispondi għall-kweżiti mqanqla mill-appellant *nomine* fil-petizzjoni ta' l-appell li prattikament tirriproduċi, u dan kważi *verbatim*, l-argumentazzjoni fis-sottomissjonijiet li għamel quddiem l-Ewwel Qorti fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu. Mhux il-każ li din il-Qorti tiddilunga oltre fuq dawk l-aspetti ta' dritt li l-Ewwel Qorti ġustament approfondiet fir-rigward ta' l-**unika eċċezzjoni** mogħtija mill-appellant *nomine* ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin fil-kwistjoni peress li ma tirrikorri l-ebda waħda mill-ipotesijiet ta' l-artikolu 742 tal-Kap. 12. Ser tillimita allura l-konsiderazzjonijiet tagħha għas-segwenti aspetti li ma jidhrux li

ġew trattati fis-sentenza appellata u li pero' f'kull każ isaħħu l-konklużjoni li waslet għaliha l-istess Qorti li biha ċaħdet l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tagħha minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni;

L-eċċezzjoni li kawża ma tkunx ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta hi in effetti eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti (artikolu 741 (a) tal-Kap. 12). Bħala tali hi eċċezzjoni dilatorja per eċċellenza anke jekk il-Qorti tista' tissolleva l-materja ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni *ex officio*. Konsegwentement bħala eċċezzjoni dilatorja li tqajmet f'kawża li saret b'ċitazzjoni din kellha tingħata mill-konvenut fil-bidu tad-difiża (artikolu 728 (1)). Hu ukoll stabbilit fil-ġurisprudenza li konvenut, li altrimenti jkun bil-liġi intitolat li jeċċepixxi l-inkompetenza tal-Qorti minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni, jekk jonqos li jissolleva l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza *in limine litis* ikun meqjus li ssottometta ruħu għal tali ġurisdizzjoni jekk jikkontesta t-talba u jagħmel eċċezzjonijiet fil-meritu. Dan hu llum espressament rikonoxxut bl-emendi ta' l-Att XXIV ta' l-1995 għall-Kap. 12 bħala kap separat ta' raġuni li jeradika l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin. L-artikolu 742 (1) (9) testendi infatti l-ġurisdizzjoni "għal kull persuna li tkun b'mod espress jew taċitu **volontarjament qagħdet** jew qablet li toqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati";

Issa mill-atti jirriżulta li l-att taċ-ċitazzjoni ġie l-ewwel notifikat lill-kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Emily Ann Calleja. Dawn ippreżentaw in-nota ta' eċċezzjonijiet tagħhom fid-29 ta' Diċembru, 1994 li fiha taw eċċezzjoni **fil-meritu** "li hawn fl-interess ta' l-istess minuri li l-kura u l-kustodja tagħha tiġi fdata f'idejn ommha ..." Veru li huma spiċċaw din l-eċċezzjoni bil-kliem "u dana **bla preġudizzju** għal kwalunkwe eċċezzjoni oħra li **tista' tingħata anke** dwar il-kompetenza ta' din il-Qorti";

Pero` din id-diċitura żgur li ma tistax tiġi meqjusa bħala eċċezzjoni ta' inkompetenza imma biss ta' riserva li tali eċċezzjoni tista' tingħata. Kien biss wara l-ewwel dehra illi l-Avukat Dr. Joseph Brincat, li allura ssubentra għall-kuraturi deputati in rappreżentanza ta' l-omm fil-vesti ta' prokuratur speċjali tal-konvenuta, li ta formalment l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni. Jista' allura jiġi validament argumentat illi almenu teknikament tali eċċezzjoni ma kinitx ingħatat *in limine litis* u li l-appellanti, kif allura rappreżentata, kienet volontarjament issottomettiet ruħha għal ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti fl-ewwel seduta tas-smigħ tal-kawża;

Is-sub-inċiż (1) (a) ta' l-artikolu 742 tal-Kap. 12 jipprovdi li l-Qrati Ċivili ta' Malta għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċidu l-kawżi kollha li jirrigwardaw il-persuni ċittadini ta' Malta **sakemm ma jkunux stabbilew id-domiċilju tagħhom band'oħra**. B'dan is-sub-inċiż il-ġurisdizzjoni hija radikata bis-sempliċi fatt li persuna tkun ċittadina Maltija. Mhux meħtieġ l-element ta' residenza u lanqas li s-sentenza tkun tista' tiġi esegwita fuq proprjeta` tal-konvenut f'Malta. Mhux biss. Iċ-ċittadin Malti hu preżunt li għandu domiċilju tiegħu Malta. Hu allura **iċ-ċittadin Malti li jkun konvenut** li jrid jipprova li jkun stabbilixxa d-domiċilju tiegħu band'oħra biex jeħles mill-ġurisdizzjoni tal-Qrati Matlin u mhux l-attur li jkun ħarrku quddiemhom. Dan għal kuntrarju tas-sub-inċiż (b) li jeradika l-kompetenza fir-rigward ta' "**kull persuna** - indipendentement miċ-ċittadinanza - sakemm għandha d-domiċilju tagħha f'Malta". F'każijiet bħal dawn hu **l-attur** li jrid jipprova li l-persuna ċitata li ma kinitx ċittadina Maltija kellha pero` domiċilju tagħha f'Malta;

Issa fir-rigward tas-sub-inċiż (a) ta' l-artikolu 742 hu veru li

dan ma jistax jeradika l-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti **fil-konfront tal-konvenuta** billi din ma jirriżultax li hi ċittadina ta' Malta anke jekk kienet intitolata kieku riedet li hekk issir. Mill-banda l-oħra din il-Qorti tagħti interpretazzjoni aktar wiesgħa lill-artikolu 742. Is-sub-inċiż (1) hekk jgħid: "Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi espressament xort'oħra, il-Qrati Ċivili ta' Malta, mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċidu **l-kawżi kollha li jirrigwardaw il-persuni** hawn taħt imsemmija. Jiġi nnotat illi l-liġi titkellem dwar **persuni** li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Ċivili ta' Malta. Ma titkellimx biss dwar persuni li jistgħu jissejħu bħala konvenuti quddiemha. Titkellem dwar kawżi **li jirrigwardaw** dawn il-persuni. Dan allura mhux neċessarjament ifisser - għalkemm ġeneralment u bħala regola hekk hu l-każ - illi l-oġġett u l-meritu tal-kawża jkun dritt ikkontestat bejn il-kontendenti li finalment il-Qorti trid tiddeċidi lil min minnhom jappartjeni. Ifisser li l-Qorti hi ukoll kompetenti u għandha ġurisdizzjoni f'kawżi li fihom il-partijiet ikunu qegħdin jikkonstataw meritu li d-determinazzjoni tiegħu, apparti li jiddefinixxi l-interess tagħhom fih, ikun ukoll direttament **jirrigwarda** terza persuna li ma tkunx parti fil-kawża u jista' jaffettwa d-drittijiet tagħha. F'dawn il-każijiet, il-Qorti tkun kompetenti tikkonsidra dak il-meritu anke kieku altrimenti ma kinitx tkun kompetenti, jekk it-terza persuna tkun ċittadina ta' Malta hawn domiċiljata;

Din il-konsiderazzjoni hi għalhekk rilevanti b'mod partikolari għall-fini tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati fir-rigward ta' ċittadini Maltin (sub-inċiż (a) ta' l-artikolu 742). Il-liġi trid illi tagħti ġurisdizzjoni lill-Qrati biex jisimgħu u jiddeċidu l-kawżi kollha **li jirrigwardaw** liċ-ċittadini ta' Malta. Trid tagħtihom protezzjoni sħiħa, huma fejn huma, anke jekk mhumiex residenti f'Malta u anke jekk ma kinux

konvenuti quddiemha **sakemm il-meritu tal-kawża jkun jirrigwarda lilhom** u sakemm ikunu domiċiljati f'Malta. "Jirrigwarda" naturalment f'sens ġuridiku ta' interess legali fl-azzjoni. L-unika kondizzjoni li teskludi l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin hi sakemm u jekk dawn iċ-ċittadini "ma jkunux stabbilew id-domiċilju tagħhom band'oħra". L-element taċ-ċittadinanza li jestendi l-ġurisdizzjoni tal-Qrati fuq il-persuna hi fejn hi, kemm jekk hi parti u kemm jekk mhijiex parti f'kawża, għandu jingħata l-valur ġust tiegħu fid-dawl ta' l-intenzjoni ddikjarata tal-leġislatur li jipproteġi b'mod wiesgħa kemm jista' jkun l-interessi taċ-ċittadini tiegħu;

Fid-dawl ta' din l-interpretazzjoni tas-sub-inċiż (a) (1) ta' l-artikolu 742 jassumi importanza l-fatt illi l-minuri li tagħha l-attur qed jirreklama l-kura u l-kustodja hi indubbjament ċittadina ta' Malta u bħala tali in vista ta' din il-kwalita' soġġetta għall-ġurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju li l-kura u l-kustodja ta' din il-minuri - il-meritu ta' din il-kawża - "jirrigwarda" l-persuna tagħha. Il-kura u l-kustodja mhux biss hu dritt tal-ġenitur, hu ukoll obbligu tagħhom fir-rigward ta' uliedhom. Kif hu ukoll dritt ta' l-istess minuri **kontra** l-ġenituri, inkwantu huma għandhom il-jedd li jesiġu mingħandhom it-tnejn - u f'każ li jkunu separati, minn min minnhom hu fi stat li l-aħjar jieħu ħsiebhom - li jieħdu l-kura u l-kustodja tagħhom skond il-liġi. Hu proprju għax il-minuri għandha dan id-dritt li għandu jiġi ttutelat fil-konfront tal-ġenituri tagħha illi, fil-kawża bejniethom ta' kontestazzjoni tal-kura u l-kustodja tal-minuri li tirrigwarda eminentement il-persuna ta' l-istess minuri, l-Qorti hi bil-liġi obbligata li qabel xejn tħares l-interessi ta' l-istess minuri;

Kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti "f'kawża bħal din dwar il-

kura u l-kustodja tal-minuri, **l-interess ta' l-istess minuri huwa l-uniku fattur determinanti**". Hu ċar li l-ewwel u l-aqwa mod kif il-Qrati jistgħu jittutelaw l-interessi ta' minuri li hi ċittadina Maltija hu li tiddikjara li għandha ġurisdizzjoni li tikkunsidra u tiddeċidi kawża dwar il-kura u l-kustodja tagħha. Ġurisdizzjoni li hi ukoll sanċita bil-provvediment ta' l-artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi li: "B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni oħra ta' din il-Kodiċi, il-Qorti tista', jekk tiġi mogħtija raġuni tajba, tagħti **dawk l-ordnijiet dwar il-persuna** jew il-proprjeta` ta' persuna li tkun taħt l-eta` **kif jidhrilha xierqa fl-aħjar interessi tat-tifel**";

Dan japplika għal kull Qorti indipendentement mill-proċedura pendenti quddiemha, minn jekk kienx hemm kawża jew le jew jekk il-Qorti kellhiex jew le ġurisdizzjoni li tisma' l-istess kawża fit-termini ta' l-artikolu 742. Din il-Qorti infatti tirravviża fil-każ in eżami ġurisdizzjoni partikolari **radikata fil-persuna tal-minuri** ċittadina ta' Malta domiċiljata f'Malta, li toħroġ mill-artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili ġa` ċitat u li teżorbita mill-fatt jekk il-Qorti kienx ikollha jew le ġurisdizzjoni li tisma' l-kawża konsidrat biss il-persuna tal-kontendenti u r-rekwiżita meħtieġa taħt l-artikolu 742 tal-Kap. 12;

Minn dan kollu hemm ukoll konsiderazzjoni oħra fir-rigward tal-minuri ċittadina ta' Malta fid-dawl tas-sub-inċiż (1) (a) ta' l-istess artikolu (li trid tiġi eżaminata). Dak is-sub-inċiż kif fuq irreġistrat jipprovdi li l-Qorti Ċivili għandha ġurisdizzjoni biex tisma' u tiddeċidi l-kawżi kollha li jirrigwardaw ċittadini ta' Malta "sakemm ma jkunux stabbilew id-domiċilju tagħhom band'oħra". Issa hu paċifiku li d-domiċilju ta' oriġini tal-minuri hu Malta. Il-konvenuta ommha sostniet quddiem il-Qrati Ingliżi li hi kienet domiċiljata llum fir-Renju Unit. Din il-Qorti pero` ttendi li taqbel

mas-sentenza appellata li rriteniet illi "anchorche' il-posizzjoni llum hija li mara tista' takkwista jew tbiddel id-domiċilju tagħha indipendentement minn żewġha, fil-kawża tal-konvenuta ma saret l-ebda prova li din akkwistat domiċilju differenti minn dak ta' l-attur. Huwa risaput li f'materja ta' bdil ta' domiċilju mhux faċli li wieħed jabbanduna domiċilju magħżul (*domicile of choice*) *biex* jakkwista ieħor u fi kwalunkwe każ ikun hemm bżonn li min jallega bdil ta' domiċilju jressaq il-provi **li juru konkludentement** li huwa akkwista domiċilju ġdid. Il-konvenuta pero' ma għamlet xejn minn dan u **għalhekk għandu jipprevali d-domiċilju Malti**";

Konsiderazzjoni din li ġustament waslet lill-Ewwel Qorti biex tiddeċidi li kellha ġurisdizzjoni li tisma' l-kawża taħt is-sub-inċiż (1) (b) ta' l-artikolu 742. Pero' jekk din il-konsiderazzjoni hi valida għall-kontendenti hi aktar għandha tapplika fil-każ tal-minuri li f'materja ta' għażla ta' domiċilju m'għandhiex volonta' awtonoma u tiddependi mill-volonta' tal-ġenituri tagħha. Id-domanda ovvja li tokkorri hi pero' liema ġenitur għandu d-dritt li jiddetermina d-domiċilju tal-minuri. Stabbilit li l-minuri kellha domiċilju ta' oriġini Malti - dan hu paċifiku - u li hemm kuntrast bejn il-ġenituri dwar liema domiċilju hija għandu jkollha (billi hu stabbilit li ż-żewġ ġenituri għandhom domiċilju divers), hu ovvju li l-liġi trid li tali kuntrast jiġi ddeterminat mill-Qorti fl-interess tal-minuri. B'dan li d-domiċilju ta' l-oriġini tagħha ma jiġi bl-ebda mod ippreġudikat bl-azzjoni unilaterali ta' xi wieħed mill-ġenituri. Dan ifisser li jekk qatt kien hemm xi dubbju li l-konvenuta stabbiliet id-domiċilju tagħha band'oħra minn Malta, dan żgur ma jistax jingħad li stabbilietu unilateralment għall-minuri li tibqa' tgawdi d-domiċilju Malti;

Il-Qorti għalhekk issib illi għandha ġurisdizzjoni anke a bażi

tas-sub-inċiż (1) (a) ta' l-artikolu 742 u dan apparti dak li sewwa rriteniet l-Ewwel Qorti li kellha ġurisdizzjoni ukoll a bażi tas-sub-inċiż (1) (b) ta' l-istess artikolu;

Fir-rigward tal-meritu l-Qorti eżaminat bir-reqqa l-konsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti biex waslet għall-konklużjoni li kien fl-interess tal-minuri li tiġi fdata fil-kura u l-kustodja ta' missierha. Hi ssib illi dawn il-konsiderazzjonijiet huma f'posthom, eżawrijenti u validi. Fil-verita' l-appellanti *nomine*, għar-raġunijiet tiegħu, bl-ebda mod ma kkontesta dawn il-konsiderazzjonijiet u llimita ruħu għas-sottomissjoni li ma jkunx prudenti għal din il-Qorti li tipprova teżerċita poter li jkun barra mill-ġurisdizzjoni tagħha. Dwar dan jiġi kkunsidrat li hu veru li l-attur appellat talab "il-konsenja" tat-tarbija fi żmien qasir u perentorju. Talba li timporta l-esekuzzjoni materjali tas-sentenza li dawn il-Qrati ma jistgħux jesiġu stante li l-minuri tinsab illum u sal-lum barra mit-territorju li fuqu għandhom ġurisdizzjoni;

Pero' kif sewwa osserva l-attur "it-talba għall-kura u l-kustodja hija totalment distinta mil-aċċess jew pussess materjali tat-tarbija". Tistabbilixxi mhux biss id-dritt tal-ġenitur li jingħata l-kura u l-kustodja, jekk kien hekk fl-interess tal-minuri, imma ukoll u aktar <u>id-dritt tal-minuri</u> li jiġi mqiegħed fil-kura u l-kustodja ta' dak il-ġenitur. Id-dikjarazzjoni mill-Qorti ta' dan l-aħħar dritt fl-interess ta' ċittadin Malti tagħmel stat fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn dak il-minuri u l-ġenituri tiegħu. Dikjarazzjoni li tista' ukoll f'ċerti każijiet, ikollha forza esekuttiva oltre l-konfini tal-ġurisdizzjoni tal-pajjiż konsidrat l-iżvilupp li qiegħed isir f'dan il-qasam ta' kooperazzjoni internazzjonali dwar *child abduction* u l-konvenzjonijiet li diġa' jeżistu u qed jirregolaw il-materja. Il-Qorti tifhem pero' illi għandha tieqaf fid-dikjarazzjoni illi jirriżulta ppruvat

li hu fl-interess tal-minuri li l-kura u l-kustodja tagħha tiġi fdata f'idejn l-attur missierha u ma tordnax il-konsenja materjali tagħha fi żmien qasir u perentorju kif fil-fatt għamlet l-Ewwel Qorti. F'dan ir-rigward u limitatament għalhekk, is-sentenza appellata qed tiġi riformata;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata inkwantu ddikjarat li qiegħda tafda lit-tifla minuri Alison Calleja fil-kura u l-kustodja ta' l-attur u tirrevokaha inkwantu ipprefiġġiet terminu ta' ħmistax-il ġurnata biex tassigura li l-istess minuri tgħaddi fil-kura u l-kustodja ta' l-attur missierha;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-konvenut *nomine*.